**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Dicembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 334/2020 AGV;</u>**

**L-Avukat Dottor Ludvic Caruana ghan-nom u in rapprezentanza ta' AB**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' Dr. Ludvic Caruana nominee datat 29 ta' Settembru 2020, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi l-parijiet u cjoe' AB u CB kkontrattaw iz-zwieg taghhom fis- 27 ta' Gunju 2002.
2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili- sezzjoni Familja, fl- 10 ta' Ottubru 2017 (rikors gurametat numru; 254/2010 AL), kopja qed tigi annessa u mmarkata Dok. A;

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal izjed minn 4 snin u cjoe' mil- 31 ta' Dicembru 2008 u dana kif jirrizulta minn pagna 10 tal-imsemmija sentenza.
4. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom aktar minn 4 snin mifrudin minn ma' xulxin, illum ghandhom hajja totalment sepereta minn xulxin, tant illi AB  tghix gor-Renju Unit.
5. Illi dal-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorjzu skont artikolu 66 B tal-kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost l-esponent jitlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronzunja l-hall taz-zwieg tal-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien hekk prefiss mil-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex tali divorzju jigi debitament irregistrat fir-registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-intimat  CB ma pprezenta risposta entro terminu ghalkemm debitament notifikat u ghaldaqstant ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**